MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 54/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Nicholas Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ma tax il-manteniment lil martu Doreen Azzopardi tax-xhur t'April, Mejju, Gunju, Lulju w Awissu, 2008 skond il-kuntratt ta' separazzjoni datat 18 ta' Novembru, 2005 li huwa obbligat illi jhallas mija w wiehed u hamsin Euro u erbghin centezmu (€ 151.40) kull gimgha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat lil-appellant ihallas is-somma ta’ elf, hames mija w erbatax-il Euro (€1514) fi zmien tlett (3) xhur ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu w konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti, w cioe' :- Li in linea procedurali l-Ewwel Qorti kienet skorretta proceduralment f' okkazzjonijiet diversi b' mod li, minhabba f' tali skorrettezzi, l-appellant instab hati meta suppost gie liberat. Fl-ewwel lok, meta l-prosekutur talab korrezzjoni fic-citazzjoni biex jispecifika li l-manteniment dovut kienu ghax-xhur tas-sena 2008, il-Qorti cahdet it-talba li l-appellant jigi notifikat mill-gdid ghax irriteniet li c-citazzjoni kienet *avviso a comparire* u ordnat il-prosegwiment tal-kawza. F' dan il-kaz tali korrezzjoni effetwat sostanzjalment l-imputazzjoni, ghaliex l-appellant kien waqqaf il-hlas tal-manteniment fis-sena 2006 u kwindi hu ma setax ikun jaf jekk kienx qed jigi akkuzat li n-nuqqas tal-hlas tal-manteniment ghax-xhur indikati kienx qed jirreferi ghas-sena 2007 jew 2008. Ovvjament, li kieku l-imputazzjoni kienet tirreferi ghal dawk ix-xhur fis-sena 2007, l-azzjoni kriminali kienet tigi preskritta bit-terminu ta' sitt (6) xhur kif kontemplat fl-artikoilu 338 (z) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk il-korrezzjoni kienet tintitola li l-appellant jigi notifikat mill-gdid bil-korrezzjoni. Kieku sar hekk u fis-16 ta' Frar, 2009, l-Ewwel Qorti kienet ordnat in-notifika mill-gdid bl-imputazzjoni kif korretta, l-istess mputazzjoni kienet tkun preskritta bit-terminu semestrali fuq imsemmi. Fit-tieni lok, l-appellant jilmenta ukoll mill-fatt li lanqas ma giet ordnata n-notifika mill-gdid tal-

imputazzjoni minkejja l-fatt li hu gie akkuzat li ma hallasx ammont specifikat ta' manteniment *"fil-gimgha*" meta tali manteniment kien suppost pagabbli kull gimghtejn u minnkejja li hu gie kundannat sabiex ihallas ammont ta' manteniment li kien ikun dovut biss li kieku ic-citazzjoni giet korretta, meta din baqghet ma gietx korretta nonostante t-talba tieghu. Fit-tielet lok l-appellant jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti rriteniet li kien irrilevanti li l-imputazzjoni notifikata lill-appellant (esebita fl-atti) kienet tindika erronjament li l-kuntratt ta' separazzjoni kien datat fis-sena *"2008*" una volta li l-imputazzjoni moghtija mill-prosekuzzjoni lill-Qorti kienet korrettement tindika s-sena "*2005*". B' tali citazzjoni notifikata lilu l-appellant kellu d-difiza li ma setax ikun jinstab hati li ma thallasx manteniment ta' xhur li kienu jigu qabel id-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni. Sussidjarajament u bla pregudizzju, anki jekk jigi ritenut li xi wiehed mill-izbalji fl-imputazzjoni notifikata lill-appellant ma kienx *ut sic* jimporta n-necessita' tan-notifika mill-gdid tac-citazzjoni tal-appellant, certament it-tlitt zbalji fuq deskritti flimkien effettwaw sostanzjalment id-difiza tal-appellant b' mod li ma setax jagharaf b' xhiex kien qed jigi precizament akkuzat u kwindi kellha tigi notifikata mill-gdid lill-appellant. Fl-ahhar nett in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment ma kienx volut imma kien kagjonat minn forza magguri indipendenti mill-volonta' tieghu .

Semghet ix-xiehda tal-*parte civile* w tal-appellant;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-appell kienu fil-qosor is-segwenti. L-appellant u martu kienu sseparaw b' kuntratt notarili li jgib id-data tat-18 ta' Novembru, 2005. F' dan il-kuntratt kien obbliga ruhu li jhallas lill-martu Ewro 151.40, cioe LM65 kull gimghatejn. Fl-ahhar tas-sena 2006, l-appellant waqa' f' *depression* wara li martu harget tqila w kellha tarbija minn haddiehor, tilef l-impieg tieghu w ma baqax ihallas manteniment ghax spicca minghajr ebda introjtu. Skond l-imputazzjoni notifikata lilu, hu gie

akkuzat li naqas li jhallas manteniment ghax-xhur t' April, Mejju, Gunju, Lulju w Awwissu minghajr ma ssemmiet is-sena li ghaliha dawn ix-xhur kienu qed jirriferu. Fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 2009, pero' l-ufficjal prosekutur talab korrezzjoni fl-imputazzjoni fis-sens li wara l-kelma "*Awwissu*" tizdied is-sena ***"2008"***. L-appellant talab li jigi notifikat mill-gdid bil-korrezzjoni izda l-Ewwel Qorti ma laqghetx dit-talba w ordnat il-prosegwiment tal-kawza dak in-nhar stess. Meta waqt l-istadju taghha d-difiza osservat li d-data korretta tal-kuntratt kienet 2005 u mhux 2008, l-Ewwel Qorti qalet li l-imputazzjoni li kellha f' idejha hi kienet imnizzla s-senna 2005 korretta w ghalhekk injorat dak li kien hemm fl-imputazzjoni notifikata lill-appellant. Meta mbaghad l-appellant irrleva li kontra dak li kienet tghid l-imputazzjoni notifikata lilu li kienet issemmi li l-ammont ta' manteniment hemm indikat kien pagabbli kull gimgha,  izda kien pagabbli kull gimghatejn, l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza w ordnatlu jhallas lil martu l-ammont li suppost kien dovut li kieku giet korretta c-citazzjoni, li pero' baqghet ma gietx korretta, kif anki jidher mis-sentenza appellata.

S'intendi l-appellant lejalment jiddikjara li kieku saret in-notifika mill-gdid l-imputazzjoni, anki kif parzjalment korretta, kienet tkun preskritta bit-terminu ta' sitt (6) xhur skond il-ligi.

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Miriam Gravina**" [9.6.1995] eccezzjoni tal-preskrizzjoni simili kienet tirmexxi li kieku bil-korrezzjoni mitluba w akkordata il-fatti imputati kienu jkunu qeghdin b' xi mod jimbidlu. Tali korrezzjoni setghet anki ntalbet u intlaqghet wara li bdew jinstemghu l-provi u l-imputata f' dik il-kawza anqas kienet tkun intitolata ghal xi differiment biex tigi notifikata mill-gdid bl-imputazzjoni, peress li l-imputazzjoni baqghet sostanzjalment l-istess. Dik il-Qorti rriteniet ukoll li b' tali korrezzjoni l-imputata ma kienetx giet pregudikata b' ebda mod fid-difiza taghha ghax il-korrezzjoni kienet tikkorregi *lapsus calami* w ma biddlet xejn fis-sustanza tal-fatti imputati  w wisq inqas mir-reat ipotizzat b' dawk il-fatti.

Issa f' dan il-kaz wiehed irid ghalhekk jistabilixxi jekk fil-fatt l-imputazzjoni, nonostante l-korrezzjoni li saret, baqghetx sostanjalment l-istess. Ir-risposta ma tistax ma tkunx hlief fl-affermattiv. L-akkuza kienet u baqghet l-istess wahda w cioe' li ma thallasx il-manteniment lill-martu skond l-obbligu minnu assunt fil-kuntratt ta' separazzjoni. Kull ma gie specifikat kienet is-sena li ghalihom dawk ix-xhur kienu jirreferu, li ovvjament thalliet barra b' *lapsus* ta' min irrediga l-komparixxi.

**Hawn il-Qorti ma tistax ma tosservax u tigbed l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li dan mhux xi kaz izolat fejn dawn it-tip ta' kawzi dwar nuqqas ta' hlasijiet ta' manteniment jew ta' nuqqas tal-ghoti tal-access ghal-minuri, li jkunu jiskaturixxu minn sentenzi jew digrieti tal-Qrati jew minn kuntratti notarili, ta' sikwiet qed ikollhom zbalji ta' din ix-xorta, billi jew jithallat in-numru tad-digriet man-numru tar-rikors, jew kuntratt jissejjah digriet jew vice versa, jew ikunu fihom dati zbaljati tal-kuntratti, digrieti jew sentenzi, jew id-dati tal-hlasijiet li ma jkunux saru ikunu zbaljati jew ommessi, w zbalji ohra simili li qed jholqu hafna komplikazzjonijiet bla bzonn u jaghtu lok ghall-ruxxmata ta' eccezzjonijiet u appelli zejda w inutili. Dan ghandu jieqaf.**

Issa l-appellant jissottometti li din il-korrezzjoni ippregudikatu ghax seta' kien il-kaz li x-xhur kienu tas-sena 2007 u f' dak il-kaz kien jista' jeccepixxi l-preskrizzjoni semestrali. Dan hu argument ipotetiku pero', ghax fil-fatt ix-xhur ma kienux tas-sena 2007 imma dik 2008 u ghalhekk f' kull kaz l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma setghetx tigi sollevata. Jghid pero' li kieku l-Qorti ordnat in-notifika mill-gdid, allura ukoll seta' jissolleva l-preskrizzjoni ghax-xhur imsemmija tas-sena 2008. Pero' l-kwistjoni vera mhux dik imma jekk hu kienx intitolat ghall-notifika mill-gdid. Fid-dawl tas-sentenza fuq citata li tirrifletti l-gurisprudenza kostanti dwar in-natura tal-komparixxi, l-appellant ma kienx intitolat ghall-tali notifika mill-gdid ghax il-korrezzjoni ma bidlitx l-imputazzjoni fis-sustanza imma ipprecizat ghall-liema xhur qed tirreferi.

Illi anki jekk kien hemm zball fil-komparixxi notifikata lill-appellant fl-indikazzjoni tad-data tas-sena tal-kuntratt <u>(zball pero' li ma kienx jezisti fil-komparixxi moghtija lill-Ewwel Qorti - ara fol. 1 tal-process)</u> u jekk il-hlas kienx dovut kull gimgha jew gimghatejn, dan zgur li ma kienx jirrendi l-komparixxi nulla w, f' kull kaz, hawn ma jistax jghid li minnhabba dawn l-izbalji l-appellant ma setax ikun jaf ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat. Hu kien ben konsapevoli mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni ghax f' hajtu wiehed biss zgur kien ghamel kuntratti simili, u suppost kien jaf ukoll li l-hlas kien dovut kull gimghatejn u mhux fil-gimgha. Ghalhekk seta' jiddefendi ruhu tajjeb fir-rigward, tant li rrileva dawn il-punti fid-difiza tieghu quddiem l-Ewwel Qorti.

Kif irriteniet din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Bugeja**" ([1.11.2002] per V. De Gaetano C.J.), fejn izball simili kien gie mressaq bhala aggravju mill-appellant odjern, tali aggravju kien infondat ghaliex kif qalet din il-Qorti *"Id-data '**2002'** hi evidentement lapsus calami tal-ufficjal tal-Pulizija li rrediga l-imputazzjoni …Inoltre l-provi kollha mismugha mill-Ewwel Qorti jirriferu ghall-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Mejju,* ***2000*** *u kif gja inghid giet esebita anki kopja ta' dan il-kuntratt…Ghalhekk l-appellant , bhala imputat quddiem l-Ewwel Qorti , kien jaf perfettament tajjeb ghal ksur ta' liema obbligazzjoni kienet qed tirriferi l-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk lanqas kien hemm lok ta' xi korrezzjoni tac-citazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti ."*

Ghalhekk din il-Qorti thoss li anki f' din il-kawza, jekk stess kien hemm dan l-izball fil-komparixxi notifikata lill-appellant ghax fl-original inserit fil-process ma kienx hemm zball, dan l-izball m'ghandu b'ebda mod jibbenefika lill-appellant ghaliex hu kien konsapevoli ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat .

L-izball li flok "*kull-gimgha*" kellu jitnizzel "*kull gimghatejn*" li gie rilevat lill-Ewwel Qorti mid-difiza jidher, kif jaccetta l-istess appellant, li ttiehed in konsidrazzjoni meta l-Ewwel Qorti kkomputat l-ammont korrettement dovut lill-mart l-

appellant, meta giet biex tordna l-hlas a tenur tal-artikolu 24 tal-Kap. 446. Ghalhekk anki hawn l-appellant ma sofra ebda pregudizzju. B' dana kollu, kien ikun zgur aktar preciz kieku l-Ewwel Qorti qalet espressament fis-sentenza appellata li kienet qed tibbaza l-kalkolu taghha tal-ammont dovut fuq pagamenti dovuti kull gimghatejn minnflok kull gimgha, kif kien indikat fil-komparixxi.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti la l-izbalji fil-komparixxi mehuda individwalment u lanqas it-tlieta kumulattivament ma kellhom iwasslu ghal dak li talab u ghadu qed jinsisti fuqu l-appellant u cioe' li kellu jigi notifikat mill-gdid u li, peress li dan ma sarx, allura ghandu jigi liberat.

Ghar-rigward tal-aggravju tal-forza magguri, bazat fuq il-massima legali *"nemo ad impossiblilia tenetur"*, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza stabbilita fir-rigward. Anki jekk hu minnu li l-appellant qabdu xi *breakdown* jew *depression*, ma hadimx aktar u spicca bla introjtu, l-patt minnu assunt fil-kuntratt ta' separazzjoni kien jibqa' vigenti sakemm ma ssirx xi novazzjoni tal-kuntratt jew bonarjament jew *"ope magisterium*". Sakemm il-patt kontrattwali ma jigix hekk varjat, l-appellant kien ghadu obbligat li jivversa lill-martu l-ammonti miftehma.

Jekk hu hass li kienu nbidlu c-cirkostanzi, kien imissu pproceda quddiem il-Qorti kompetenti biex ivarja dan l-obbligu tieghu w mhux jaghmel fuq sentejn ma jaghmel xejn, umbaghad, meta jigi mharrek ghal nuqqas ta' hlas ta' manteniment, jeccepixxi l-impossibilita' fizka li jadempixxi l-obbligi tieghu.

Illi, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri"** [18.9.2002] meta ccitat b' approvazzjoni s-sentenza moghtija fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija. vs. Anthony Saliba"** [15.7.1998] ):-

*"il-fatt li persuna tisfa’ bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili , obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu w li kellu l-appellant kien li jadixxi*

*tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment, u biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet."*

*"Fi kliem iehor, sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim' Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha*." (ara ukoll Appelli. Krim. **"Il-Pulizija vs. Mario Borg"** [16.12.2003, 23.12.2003, 15.1.2004 u 22.1.2004] )

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza w dak li jiddisponi l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9, hu ovvju li dak li japplika ghall-varjazzjoni ta' digriet jew sentenzi tal-Qorti japplika wkoll ghall-kazijiet fejn il-manteniment ikun gie miftiehem b'kuntratt ta' separazzjoni, (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Norbert Borg**" [30.4.2003], **"Il-Pulizija vs. Emanuel Bugeja** [19.2.2004] u ohrajn).

Illi umbaghad apparti li din il-Qorti mhux sodisfatta li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu skond il-kuntratt ta' separazzjoni ghar-raguni minnu spjegata fir-rikors tal-appell, kif isostni **ANTOLISE**I fil-"*Manuale di Diritto Penale"* {Parte Generale, Giuffre' (Milano) 1989 , p.376.}, l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani hi li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza .(App. Krim. "**Il-Pulizija. vs. Kang Se Il"** [28.7.94] per V. De Gaetano J.) .

Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta' natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta

kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment jew l-att notarili relattiv - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta' kopja legali tad-Digriet jew kuntratt relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti jew pattwit fil-kuntratt fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta' reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f ' certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoini ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena, fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni jew ammenda , jew addirittura, kif sar f' dan il-kaz, gie applikat l-art. 22 u 24 tal-Kap.446 , b' mod li l-appellant gie liberat taht provvediment li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt xhur u ordnat ihallas il-manteniment minnu dovut fl-ammont ta' Ewro 1514 lil martu ukoll fi zmien tlitt xhur.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija l-appell hu infondat u qed jigi respint.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena *ut sic* u f' kull kaz din ma setghetx tkun aktar miti milli kienet kif fuq intqal.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, b'dana pero' li qed jigi espressament dikjarat li l-ordni ghall-hlas maghmula mill-Ewwel Qorti qed issir a bazi ta' kalkolu bazat fuq ammont ta' Ewro 151.40 kull gimghatejn ghall-periodu imsemmi fl-imputazzjoni w b' dan ukoll li z-zmien ta' tlitt xhur ghall-hlas tas-somma ta' Ewro 1514 jibda' jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------